**Quddiem l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 480/2016**

**ZD (l-ilmentatur)**

**vs**

**All Invest Company Ltd. (C 22239)**

**(il-provditur tas-servizz)**

**Seduta tat-18 ta' Settembru 2018**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment** fejn l-ilmentatur jgħid li kien qed jilmenta dwar il-prodotti *LM Australia Income Fund* u dwar l-*SNS Subordinated Bond 2020* (*SNS*).

Izda, fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu l-ilmentatur irtira l-ilment dwar l-*LM Australia Income Fund* u ħallih ferm rigwardanti l-*SNS*.

Dwar dan jgħid li minkejja li ġie mnizzel minn Wallace Falzon li s-servizz kien wieħed ta' *promote and sell*, l-ilmentatur ma kellu l-ebda esperjenza dwar dan is-servizz u qatt ma kellu prodotti kumplessi jew *bonds* subordinati qabel.

Li l-provditur tas-servizz kiser diversi regoli li jirregolawh bħala *Licenceholder* tal-*MFSA*; biegħlu prodott li ma kienx addattat għalih; ingħatalu deskrizzjoni ħażina tal-prodott; l-*appropriateness* jew *suitability test* ma sarx bil-għaqal, bil-ħila, diliġenza u kura kif mitlub minn *ISP* Licenzjat; ma aġixxiex fl-aħjar interessi tal-klijent u kiser l-obbligi fiduċjarji u kuntrattwali lejh filwaqt li biegħlu prodott b'riskju għoli li ma kienx *suitable* jew *appropriate* għalih.

L-ilmentatur jilmenta wkoll li ingħatawlu dokumenti biex jiffirmahom mingħajr ma inqrawlu jew ġie imfehma lilu u dan sar fuq formoli intiżi li jagħtu lill-provditur tas-servizz protezzjoni legali għall-*misselling* li kien qed jagħmel u li jillimita r-riskju legali tiegħu.

Il-provditur zamm mistur mill-ilmentatur ir-riskji li jgorru investimenti subordinati bhal dak suggerit lill-ilmentatur.

Il-provditur tas-servizz ikkommetta *investment misselling* fil-konfront tieghu.

Qed jitlob li jinghatawlu lura il-flus li investa fl-*SNS,* jigifieri s-somma ta' €4,396.90, flimkien mal-imghaxijiet kif imsemmija fl-istess ilment.

**Ra r-Risposta tal-Provditur tas-Servizz:**

1. Illi preliminarjament, l-intempestività ta' dawn il-proceduri, partikolarment tat-3 talba, u dan stante illi, kif jirrizulta *ex admissis* mill-istess ilmentatur, fir-rigward tal-*SNS* ghad hemm proceduri pendenti l-Olanda rigward kumpens dovut lill-investituri tal-prodott *de quo.* Fir-rigward tal-*LM Income Fund* il-proceduri ta' rifuzjoni tal-kapital investit ghadhom ghaddejjin u, ghaldaqstant, f'dan l-istadju lanqas ma huwa possibbli li jigi asserit li l-ilmentatur sofra xi telf;

2. Illi preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, in kwantu illi nonostante t-talbiet fl-ilment, l-ilment proprju huwa dikjarat li huwa:

   - fir-rigward tal-*LM Australian Income Fund* ghall-bilanc ta' €7,019.05 kif ukoll l-imghax;
   - fir-rigward tal-*SNS Bank NV 2020* ghall-bilanc ta' €4,395.90 flimkien mal-imghaxijiet

   jigi eccepit illi l-esponenti ma hiex il-legittimu kontradittur tal-ilmentatur.

3. Illi preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni odjerna hija preskritta *ai termini* tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni odjerna hija perenta *ai termini* tal-Artikolu 1222(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, in kwantu jidher illi l-ilment odjern jidher illi jittratta allegazzjoni li l-kunsens tal-ilmentatur ittiehed b'xi qerq jew li ma kienx informat bin-natura tal-investimenti b'tali mod li kieku ma kienx jidhol ghalihom;

5. Illi hemm kunflitt lampanti bejn l-ilment dwar it-telf effettiv tal-kapital u t-talbiet fl-ilment - l-ilment proprju jirrigwarda t-telf materjali tal-kapital, mentri t-talbiet jirrigwardaw nuqqasijiet regolatorji li r-rimedju ghalihom mhux necessarjament jinkludi, jew ghandu jinkludi hlas tal-kapital mitluf izda izjed, min-natura ta' dawk l-allegazzjonijiet jgorru maghhom sanzjonijiet diversi u izjed approprjati taht l-Artikolu 26 tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, l-eccepjenti m'ghandha ebda kontroll u lanqas ma tiggestixxi hija l-investiment *de quo* [*All Invest Company Ltd.* hija biss intermedjarju] u, ghaldaqstant, ma tistax tinzamm responsabbli ghal kwalunkwe telf Ii l-investimenti setghu garrbu;

7. Illi, ghal kull buon fini, in-nazzjonalizzazzjoni tal-*SNS NV Bank*, bit-telf li dan gab mieghu ghandu jitqies bhala '*casus*';

8. Illi ai fini tal-ewwel talba u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, s-socjetà intimata mhux responsabbli ghal ebda telf jew dannu li seta' gie soffert mill-ilmentatur la minhabba nuqqas li thares l-ahjar interess tal-klijent taghha, la minhabba nuqqas li tadempixxi l-obbligi legali taghha (inkluz kwalsiasi obbligi kuntrattwali u/jew fiducjarji li seta' kellha) fil-konfront tal-istess ilmentatur, la minhabba *investment misselling*, u lanqas minhabba xi komportament iehor kif allegat mill-ilmentatur;

9. Illi ghall-fini tat-tieni talba, ma hux minnu li l-eccepjenti ma agixxietx sew, jew agixxiet bi ksur ta' xi obbligi inkluz dawk kontrattwali fil-konfront tal-ilmentatur u l-eccepjenti tichad fermament l-allegazzjonijiet illi l-agir taghha jikkostitwixxi '*negligenza grossolana*, *culpa lata u recklessness*' u li hija hatja ta' *misselling* u, ghaldaqstant, m'ghandhiex tinsab responsabbli ghal ebda danni fil-konfront tieghu;

10. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, t-talba tal-ilmentatur ghall-imghaxijiet fir-raba' (4) talba tal-ilment hija legalment insostenibbli; illi fl-2008 u fis-snin sussegwenti d-dinja ghaddiet mill-akbar krizi fis-swieq finanzjarji mis-snin 1930 'l hawn. Ghalhekk tenut kont tal-andament tas-swieq finanzjarji fiz-zmien in kwistjoni, l-ilmentatur ma jistax jassumi, *con il senno del poi*, illi kieku investa flusu f'investiment

iehor il-kapital tieghu kien ser jibqa' shih u/jew li kien ser jaghmel dhul jew tkabbir kapitali matul il-perjodu tal-investiment tieghu kif qed jippretendi fl-ilment tieghu;

11. Illi l-hames talba ma hiex kontemplata fil-Ligi u, ghaldaqsant, anke kieku dan it-Tribunal Arbitrali kellu jilqa' t-talbiet attrici l-ohra, din it-talba hija improponibbli;

12. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**Sema' lill-partijiet**

**Ra l-atti kollha tal-kaz.**

**Jikkonsidra:**

**Eccezzjonijiet Preliminari**

Fl-ewwel eccezzjoni l-provditur tas-servizz jissottometti li t-talba rigwardanti l-*SNS* hija intempestiva peress li ghadhom ghaddejjin proceduri l-Olanda rigward kumpens lill-investituri.

Qabel xejn, ma giex ippruvat li l-ilmentaturi huma partecipi f'xi kawza l-Olanda. Ma ngabet l-ebda prova li l-ezitu li jista' jkun hemm minn din il-kawza huwa *erga omnes* u japplika wkoll ghall-ilmentaturi.

Tajjeb jinghad li f'ittra li *All Invest Co. Ltd.* baghtet lill-investituri intqal lilhom b'mod car li flushom kienu intilfu ghax kien hadhom il-Gvern Olandiz:

*'As a result a number of bonds issued by this Bank, including the 6.25% 2020 Bond which you hold, have been expropriated and become the property of the Dutch Government. The Government has also more recently confirmed that it does not intend to offer any compensation to Bondholders'.*[1]

Barra minn hekk, din l-eccezzjoni hija wahda kontradittorja ma' dik dwar preskrizzjoni. Filwaqt li l-provditur jghid li l-ilmentatur ha azzjoni kmieni

[1] A fol. 213

(intempestiva), fl-istess nifs jghid li kellu jiehu azzjoni qabel u, ghalhekk, l-azzjoni hija preskritta.

L-Arbitru jinnota wkoll li dan l-ilment huwa dwar nuqqasijiet kommessi mill-provditur tas-servizz; *misselling* ta' prodott kif ukoll dwar l-allegati abbuzi mis-socjetà provditrici meta nbiegh il-prodott. L-Arbitru qed jigi mitlub jiddikjara li saru dawn in-nuqqasijiet u anke inadempjenza tal-obbligi kuntrattwali tal-provditur tas-servizz.

Dan indipendentement minn x'sar mill-prodott wara li jkun sar il-bejgh.

Peress li l-provditur tas-servizz stess qal fl-ittra msemmija aktar 'il fuq li l-flus investiti ma kinux ser jigu rkuprati u, peress li din l-eccezzjoni hija kontradittorja ghal dawk dwar preskrizzjoni, din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**Eccezzjonijiet dwar Preskrizzjoni**

Il-provditur tas-servizz jghid li l-ilment huwa preskritt *ai termini* tal-Artikoli 1222(1) u 2153 tal-Kodici Civili.

L-Artikolu 1222(1) huwa bazikament immirat ghal meta ssir azzjoni ghar-rexxissjoni ta' obbligazzjoni.

Dwar il-preskrizzjoni a bazi tal-Artikolu 1222(1) tal-Kodici Civili, il-ligi tipprovdi li:

*'L-azzjoni ghal rexxissjoni minhabba vjolenza, zball, ghemil doluz, stat ta' interdizzjoni, jew nuqqas ta' età, taqa' bil-preskrizzjoni eghluq sentejn. (2) Dan jghodd ukoll ghar-rexxissjoni ta' obbligazzjonijiet minghajr kawza, jew maghmulin fuq kawza falza'.*

Din il-preskrizzjoni ma tapplikax ghal dan il-kaz ghaliex mhix tintalab rexxissjoni ta' obbligazzjoni.

Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

L-eccezzjoni l-ohra hija bbazata fuq il-preskrizzjoni *ai termini* tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16.

Il-Qrati taghna sostnew:[2]

'*Illi l-Qrati taghna dejjem irritennew illi il-preskrizzjoni ta' sentejn imsemmija fl-Artikolu 1917 ta' l-Ordinanza VII tal-1868 (dak li illum hu l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili) hija applikabbli ghad-danni extra-kontrattwali jigifieri dawk li gejjin mhux minn inadempjenza ta' obbligazzjoni imma "ex delictu vel quasi". Meta d-danni huma "ex contractu" ghax gejjin minn vjolazzjoni ta' obbligazzjoni, l-preskrizzjoni hija dik ta' hames snin u mhux ta' sentejn.'*

Barra minn hekk, kif intqal fil-*kawza* ***Avv. Dr Pio M Valletta pro et noe vs Jeno Torocsik et*** **deciza fis-7 t'Ottubru 2016:**

*'Il-fatt li f'kawza attur jitlob il-likwidazzjoni ta' danni ma jfissirx awtomatikament li allura japplika l-Art 2153 tal-Kodici Civili: "il-preskrizzjoni ta' sentejn li tolqot l-azzjoni ghal danni li ma jkunux kagunati b'reat" hija applikabbli biss fil-kaz ta' danni indipendenti minn obbligazzjoni kuntrattwali'. (Stivala vs Colombo , PA, 9/1/1953. VOl XXXVII.ii.622)*

Kif anke gie ritenut recentement mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili f'kaz simili kontra provditur ta' servizz finanzjarju,[3] ir-relazzjoni hija ta' natura kuntrattwali.

Anke f'kazi fejn hemm obbligi kuntrattwali jistghu jintalbu hlas ta' danni u fil-kaz *de quo,* essenzjalment, qed jinghad li peress li meta inghata l-parir u sar il-kuntratt tal-bejgh tal-prodott, il-provditur tas-servizz naqas mill-obbligi kuntrattwali tieghu meta sehh bejgh hazin ta' prodott.

L-ilmentatur qed jitlob hlas ta' kumpens ghat-telf li sofra minn din ir-relazzjoni kuntrattwali.

Ghalhekk mhuwiex il-kaz li japplika l-Artikolu 2153 u, ghalhekk, din l-eccezzjoni qieghda tigi michuda.

Il-hames eccezzjoni qed tigi wkoll michuda ghaliex m'hemm xejn kontradittorju fl-ilment. L-ilmentatur jghid li l-provditur naqsu f'diversi lati, kif 'il fuq imsemmi fl-ilment, u qed ifittex kumpens taht il-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar l-eccezzjoni numru sitta, il-provditur tas-servizz kien qed jaghmel negozju mal-ilmentatur bhala principal kif juru d-dokumenti li gew esebiti u, anke mix-

---

[2] *Go plc vs Charles Dimech,* PA 28/07/2011

[3] *Roland Darmanin Kissaun vs GlobalCapital Financial Management Ltd.,* PA, 1/06/2017

xhieda tal-partijiet, gie stabbilit li l-ilmentatur kien qed jinghata servizz mill-*All Invest Co. Ltd.* bhala *Licenceholder* ta' servizzi finanzjarji u fl-ebda hin ma l-ilmentatur gie mgharraf li *All Invest Co. Ltd.* kienet qed tagixxi f'isem haddiehor. Ghalhekk is-sitt eccezzjoni wkoll qieghda tigi michuda.

**Fil-Mertu**

L-Arbitru jrid '*jiddeciedi u jaghti gudizzju fuq ilment b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, ikun gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.'*[4]

L-ilment principali hu li l-provditur tas-servizz investa lill-ilmentatur flus fl-*SNS* liema investiment ma kienx addattat ghac-cirkostanzi tieghu u kiser diversi regoli u ligijiet u naqas mill-obbligi kuntrattwali tieghu.

Ukoll, tah biex jiffirma dokumenti li ma kinux jirrispekkjaw il-qaghda tieghu u dan b'mod abbuziv. Ghalhekk garrab telf ta' €4,396.90 fl-*SNS Bank NV 6.25% 2020* (*SNS*) u jippretendi li jinghatawlu bhala kumpens.

Il-provditur tas-servizz jichad dawn il-pretensjonijiet.

**Il-Prodott *SNS***

In-*Notes* ***6.25% SNS Bank NV 2010-2020*** (ISIN: XS0552743048) inhargu minn *SNS Bank N.V.* fis-26 ta' Ottubru 2010, b'data tal-maturità 26 ta' Ottubru 2020. Il-kupun kien 6.25% fis-sena. Kellhom *status* ta' *Tier 2 Subordinated*.

L-*SNS REAAL* hija l-*holding company* ta' *SNS BANK* u kumpanija tal-assikurazzjoni *REAAL N.V.* Skont taghrif li jista' jinkiseb pubblikament, il-pozizzjoni finanzjarja ta' *SNS REAAL* iddeterjorat matul is-snin b'mod partikolari minabba l-attività diretta fil-proprjetà minn *SNS Property Finance* li *SNS Bank* kien xtara fis-sena 2005.

Id-diprezzament tal-valur tal-portafoll ta' din is-sussidjarja wassal biex *SNS* jigi nazzjonalizzat fl-1 ta' Frar 2013, b'digriet mill-istat Olandiz .

---

[4] Kap. 555, Art 19(3)(b)

**Fuq perjodu ta' 3 snin qabel ma kien nazzjonalizzat, l-operat u s-sitwazzjoni finanzjarja ta' *SNS Bank* kienu taht skrutinju minn diversi *rating agencies.* Minn zmien ghal zmien, uhud minn dawn l-agenziji ikkummentaw ta' spiss dwar il-qaghda tal-bank u sahansitra baxxew ir-*ratings* fuq il-bank u l-*bonds* mahruga minnu.**

**Kienu wkoll qed ibassru li *subordinated bonds* – li l-banek johorgu biex isostnu l-livelli tal-kapital taghhom - jistghu ma jkollhom lil hadd min isostnihom f'kaz li l-bank li jkun qed johrog il-*bond* ma jasalx biex ihallas.**

***Subordinated bonds* jigu minn tal-ahhar fir-*ranking* f'kaz ta' likwidazzjoni. Infatti, fil-lista ta' kredituri, jirrenkjaw wara l-gvern u *senior creditors*. Il-fatt li dawn il-*bonds* huma *subordinated* ifisser li huma ta' riskju u mhux tajbin ghal kull investitur. Ir-riskji kienu reali u mhux fuq il-karta biss.** Dan mhux qed jinghad bil-beneficcju tal-'*hindsight*'.

Il-fatt li *SNS Bank* kien *systemically important bank* fl-Olanda ma kienx ifisser li, akkost ta' kollox, l-istat kien se jerga' jaghti sostenn finanzjarju lill-bank wara dak li ghamel fis-sena 2008.

Fil-mument li l-bank gie nazzjonalizzat, l-istat kien ghadu ma thallasx kollox minn *SNS* fir-rigward ta' din l-ghajnuna finanzjarja li inghata.

Apparti dan, il-fatt li kien digà wiezen lil *SNS* b'sostenn finanzjarju kien digà indikazzjoni tal-istat finanzjarju tal-bank. Tant hu hekk, li f'nofs is-sena 2012, il-bank kien habbar li kien qed jesplora possibiltajiet biex isahhah il-pozizzjoni tal-kapital tieghu.

Anke f'nofs dik l-istess sena, l-istat Olandiz introduca ligi gdida b'aktar ghodda biex ikun jista' jimmanuvra istituzzjonijiet finanzjarji bi problemi. Huwa veru li hadd ma kien qed ibassar li l-istat kien se juza din il-ligi ghall-ewwel darba fir-rigward tal-*SNS* jew inkella jivvaluta ghal zero l-ishma u l-*bonds subordinated* tal-bank.

Imma l-bank kien digà kellu problemi serji qabel ma sar l-investiment fih minn *All Invest* ghall-ilmentaturi. *Subordinated bond* huwa dejjem meqjus bhala investiment riskjuz.

**Kif inbiegh dan il-prodott u jekk kienx *'suitable'* jew *'appropriate'* ghall-Ilmentatur**

L-ilmentatur jghid illi huwa bniedem ta' ftit skola u ma jaf la jaqra u lanqas jikteb bl-Ingliz.[5] Meta sar l-investiment fl-*SNS* huwa kellu 65 sena.[6] Jghid li kien jahdem bhala *grocer*.

Qabel ma ltaqa' ma' Wallace Falzon qatt ma kellu investimenti imma kontijiet bankarji biss. Dan tal-ahhar kien gibidlu xi flus li kellu f'*life policy* tal-*Middlesea* u qallu biex jinvestihom fl-Awstralja; u wara kien mar il-hanut tieghu u qallu jekk kellux xi haga ohra biex jinvesti u mill-kexxun l-ilmentatur tah aktar minn erbat elef ewro u Wallace Falzon qallu li kien ser jinvestihomlu f'bank l-Olanda.

Wara ftit xhur il-bank falla u lanqas imghax wiehed ma kien ha. Meta cempel lil Wallace Falzon dan kien qallu li marad u ahjar ma jkellmux aktar u minflok ikellem lill-*MFSP*.[7]

Mart l-ilmentatur ikkonfermat li hi dejjem kienet halliet f'idejn zewgha dawn l-affarijiet ghaliex hi kienet mehdija trabbi lil uliedha u hu kien okkupat bil-*grocer*. Kemm hi u kemm zewgha ma kinux jifhmu fl-investimenti.

Qalet li kienu zvinturati ghaliex huma qatt ma kienu investew qabel u l-unici investimenti li kellhom kienu proprju tnejn li ghamlilhom Wallace Falzon, wiehed fl-Awstralja u l-iehor l-Olanda.

Min-naha tieghu, il-provditur tas-servizz jghid li kien jaf li l-ilmentatur kien *grocer* u hu kien ghamillu tlett investimenti ghaliex l-ilmentatur xtaq jinvesti fi prodotti li ghandhom x'jaqsmu mal-proprjetà.

Jghid li meta ltaqa' mal-ilmentatur fl-2011, huwa ra x'kienu l-aspettattivi tieghu u l-oggettivi li kellu ghall-investiment u x'riskju ried jiehu u x'esperjenza passata kellu fl-investimenti. Qallu li xtaq investiment mhux fit-tul hafna ghaliex kien qed jikber.

Jghid li l-ilmentatur iffirmalu d-dokumentazzjoni u deher li kien qed jifhimhom Huwa wkoll spjegalu l-karatteristici tal-prodotti.

---

[5] A fol. 44
[6] Kalkolu tal-Arbitru Ara fol. 67
[7] A fol. 44-45

Dwar l-*SNS* jghid li ma jichadx li kien hu li ntroducilu l-*SNS* bhala li qieghed f'gurisdizzjoni b'sahhitha u l-bank u l-prodott innifsu kellu *rating* tajjeb.

Dwar spjega jekk dan il-*bond* kienx *subordinated* jghid li qallu li kien '*junior'* u spjega li kien jikklassifika wara *senior bonds,* u jghid li hu kien iqis *subordinated bonds* bhala investiment relattivament sikur.

Izda, fil-kontroezami tieghu, Wallace Falzon, jikkontradixxi dak li xehed fl-*affidavit* meta qal:

'*Nikkonferma li l-SNS kien subordinated. Kont nispjegalu lill-klijent li dan huwa subordinated. Il-klijent seta' fehem subordinated ghax kien fil-kummerc.'*[8]

Fl-istess kontroezami jkompli jikkontradixxi lilu nnifsu meta jghid:

*'Mistoqsi, allura, ghaliex la fil-File Note (Dok. E.i), la fil-Purchase Contract Note (Dok. E.ii), la fir-risposta ghall-ilment u lanqas fid-dikjarazzjoni tal-fatti ma semmejt li dan hu subordinated bond, nghid li ahna konna naghtu l-ISIN No. li jkopri aktar minn dik il-feature u, ghal dak iz-zmien, ma kienx hemm distinzjoni ghal retail market.'*[9]

Jghid li ma kienx konxju li l-ilmentatur la kien jaf jaqra u lanqas jikteb. Dwar jekk kienx jaf jekk l-ilmentatur kellux investimenti qabel investa mieghu jghid li ma jiftakarx.

Dwar jekk jiftakarx li l-flus ghall-investiment fl-*SNS* inghatawlux mit-*till* tal-hanut jghid li ma jiftakarx izda jiftakar li tahomlu *cash.*

Jikkonferma li ghalkemm huwa jghid li bieghlu l-prodott a bazi ta' '*promote and sell'* huwa ma spjegax lill-ilmentatur id-differenza bejn '*promote and sell'* u '*advisory service'*, izda dawk kienu notamenti li jzomm ghalih.

Dwar id-diskrepanza fid-dati bejn il-*File Note* u l-*Purchase Contract Note* xehed li :

[8] A fol. 264
[9] *Ibid.*

*'Qed nigi referut ghall-fatt li l-File Note (Dok E.i) hu datat 10 t'Ottubru, 2012, mentri l-Purchase Contract Note turi trading day bhala 9 t'Ottubru, 2012, nghid li bilfors ghax kien ikun inxtara minn qabel'.*[10]

Dwar id-*due diligence* li ghamel tal-*SNS* xehed hekk:

*'Mistoqsi jekk kontx naf li l-Gvern Olandiz kien ta bailout lill-SNS ta' €750 miljun, li kellu jithallas sal-31 ta' Jannar, 2013, nghid li iva kont naf.*

*Qed nigi mistoqsi meta gejt biex inbiegh il-prodott lill-klijent iccekkjajtx jekk din il-loan tal-bailout kinitx thallset lura lill-Gvern Olandiz, nghid li le, ahna ma dhalniex fiha ghax ir-rating kien ghadu tajjeb.*

*Qed jinghad lili li l-Moody's f'Gunju, 2012, tlett xhur qabel il-bejgh, iddowngradja lil dan il-bond 3 notches f'salt u gabu Ba2 - li hu sew mhux non-investment grade – u xi nghid ghal dan, nghid li bhala nvestiment ma niftakarx dak il-perjodu partikolari, però nfakkar ukoll li l-klijent kellu investiment qawwi f'bond iehor u li kont bieghejtlu jien stess.*

*Qed nigi mistoqsi jekk dan il-prodott hux subordinated u nghid li nahseb li kien subordinated u ghamel profit minnu. Nghid li dan il-prodott bieghejtulu indipendentement mill-prodott li kellu l-iehor qabel.'*[11]

Meta gie mistoqsi dwar dak li kien hemm dikjarat fid-dokumenti li ffirma l-ilmentatur u verament x'gara, il-provditur tas-servizz wiegeb hekk:

*'Qed jinghad lili li hemm imnizzel illi l-klijent iffirma li ma riedx kopja tad-dokumenti u mistoqsi nikkonfermax dan il-kliem, nghid li le ma nistax nikkonferma.*

*Qed jinghad li jien hadt dikjarazzjoni minghandu li hu kien ircieva l-Prospectus u l-Latest Annual Report tal-SNS Subordinated Bond, u nistax nikkonferma li jien tajthomlu, nghid li le, ma nistax nikkonferma.'*[12]

Il-provditur tas-servizz nizzel fil-*File Note* li dan il-prodott inbiegh bis-servizz *'promote and sell',* jigifieri mhux fuq parir tieghu. Però, jghid fil-kontroezami li

---

[10] *Ibid*.
[11] A fol. 265
[12] *Ibid.*

ma spjegax lill-ilmentatur xi jfisser '*promote and sell'*; però xorta wahda jghid li bieghlu l-prodott b'dan il-mod.

L-Arbitru ma jistax jaccetta li dan il-prodott seta' jinbiegh lill-ilmentatur a bazi ta' *promote and sell,* jigifieri li l-ilmentatur ma riedx parir u donnu kien hu li ghazel il-prodott. Il-provditur ammetta li kien hu li introducielu l-*SNS*.

Meta jitqies il-profil tal-ilmentatur bhala bniedem anzjan u li kien analfabeta, zgur li ma jistax jinghad li ma kellux bzonn parir u li seta' jifhem ir-riskji abbinati ma' dan l-investiment. Lanqas ma hija konvincenti l-asserzjoni tal-provditur tas-servizz meta jghid li peress li l-ilmentatur kien '*fil-kummerc'* seta' jifhem il-konsegwenzi u n-natura ta' *subordinated bond.* L-ilmentatur kien *grocer* u meta jitqies il-livell ta' edukazzjoni tieghu zgur li ma setax jifhem dan.

Ghalhekk kien hemm nuqqas ta' *buona fede* meta l-provditur tas-servizz iddikjara fil-*File Note* li dan il-prodott inbiegh a bazi ta' '*promote and sell'.* Din id-deskrizzjoni ma kellhiex ghan iehor hlief li tezonera lill-provditurtas-servizz milli jaghmel '*suitability test'* skont l-SLC 2.16 li kienet torbot lill-provditur tas-servizz li jaghmel dan.

Imma, anke jekk jitqies li l-*SNS* inbiegh a bazi ta' *promote and sell,* xorta wahda l-provditur tas-servizz kellu jaghmel l-*appropriateness test.*

*SLC 2.21 kienet tipprovdi li:*

*'When assessing whether an Investment Service, other than investment advice or portfolio management, is appropriate for a client, the Licence Holder shall be required to determine whether that client has the necessary experience and knowledge in order to understand the risks involved in relation to the product or Investment Service offered or demanded. '*

Il-provditur tas-servizz mela formola u ghamel ittikjar ta' kaxxi fejn skont hu l-ilmentatur kien '*appropriate*' li jinvesti f'dan il-prodott.

Meta l-Arbitru analizza sew dan id-dokument sab li l-provditur ittikkja kollox '*yes*' bhal, nghidu ahna, li:

‘*Does the client have the necessary knowledge and experience in the investment field to enter into this transaction?’*[13] Hemm imnizzel*: Yes.*

Ukoll, jekk: *Is the client familiar with the type of service, transaction and financial instrument/s being offered?* Hemm imnizzel:*Yes*

Mill-provi ma jirrizultax li l-ilmentatur kellu xi storja ta’ investimenti jew li kien xi bniedem li jifhem fl-investimenti finanzjarji, anzi jghid li qabel ma sar jaf lil Wallace Falzon, li bieghlu biss zewg prodotti (li wiehed minnhom hu dak li qed isir l-ilment dwaru), huwa qatt ma kien investa qabel. Lanqas it-tip ta’ servizz jew strument ma kien familjari maghhom. Lanqas ma kien f’pozizzjoni li seta’ jifhem ir-riskji involuti f’dan il-prodott, kif hemm imnizzel fil-formola tal-‘*appropriateness test’.*

Meta jitqies in-nuqqas ta’ esperjenza u taghrif li kellu l-ilmentatur u l-fatt li la gew spjegati u lanqas seta’ jifhem ir-riskji abbinati ma’ dan il-prodott, l-Arbitru jikkonkludi li dan il-prodott ma kienx addattat ghall-htigijiet tal-ilmentatur u lanqas mar-riskju li ried jiehu.

Barra minn hekk, kif irrizulta mill-kontroezami ta’ Wallace Falzon, dan m’ghamilx *due diligence* tajba tal-prodott ghaliex, ghalkemm kien jaf li kien hemm ‘*bail out’* lil *SNS Bank* tal-Gvern Olandiz, meta gie biex ibiegh il-prodott lill-ilmentatur ma ccekkjax jekk dan id-dejn kienx thallas lill-Gvern Olandiz.

Ma kienx jaf lanqas li *Moody’s*, tliet xhur qabel ma nbiegh il-prodott lill-ilmentatur, kien hareg *downgrade* ta’ tliet *notches* u gabu Ba2-.

Il-fatt li l-provditur tas-servizz stess xehed in-kontroezami li hu kien xtara l-prodott qabel ma fil-fatt inbiegh lill-ilmentatur, juri li l-provditur tas-servizz kien deciz li jbiegh dan il-prodott lill-ilmentatur irrispettivament jekk kienx addattat ghalih.

B’hekk,il-provditur tas-servizz ma mexiex mar-regola SLC 2.21 kif ’il fuq ikkwotata u, fuq kollox, ma osservax ir-regola bazika li tghid:

[13] A fol. 65

*'2.01 When providing Investment Services to clients, a Licence Holder shall act honestly, fairly and professionally in accordance with the best interests of its clients.'*

L-Arbitru hu tal-fehma wkoll li l-provditur tas-servizz ma offriex prodott li kien *'jilhaq l-aspettattivi ragonevoli u legittimi tal-konsumatur'.*[14]

Fl-età ta' 65 sena, zgur li l-ilmentatur ma riedx jirriskja l-kapital billi jinvesti f'*Subordinated Bond Tier 2,* li jirrankja fost tal-ahhar f'kaz ta' falliment kif fil-fatt gara.

F'dan il-qasam tezisti wkoll relazzjoni fiducjarja u l-provditur tas-servizz kellu jagixxi ta' missier tajjeb tal-familja, haga li ma ghamilx kemm meta ghazel li jinvesti flus l-ilmentatur f'dan il-prodott, u anke meta qallu biex jiffirma dokumenti li l-kontenut taghhom mhux dejjem kien jaqbel ma' dak li verament gara, kif anke ammess mill-provditur tas-servizz innifsu waqt il-kontroezami 'l fuq imsemmi.

**Ghal dawn ir-ragunijiet l-Arbitru jiddeciedi li l-ilment huwa wiehed gust, ekwu u ragonevoli u qed jilqghu sakemm huwa kompatibbli ma' din id-decizjoni.**

**Peress li sar bejgh hazin tal-prodott, l-ilmentatur ghandu kemm jista' jkun jitpogga fil-pozizzjoni finanzjarja li kien fiha qabel ma ghamel l-investiment fl-*SNS*.**

**L-ilmentatur investa s-somma ta' €4,396.90.**[15]

**Ghaldaqstant, *ai termini* tal-Artikolu 26(3)(c)(iv) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Arbitru jordna lil *All Invest Co. Ltd.* thallas lill-ilmentatur is-somma ta' erbat-elef, tlett mija u sitta u disghin ewro u disghin centezmu (€4,396.90) .**

**Bl-imghax legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-hlas effettiv.**

**Bl-ispejjez kontra l-provditur tas-servizz.**

[14] Kap. 555, Art 19(3)(c)
[15] A fol.67

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**